Lorenzo Zahra

# Dun Nikola Camilleri 1841-1910

Wieħed minn ulied is-Siġġiwin ftit li xejn baqa' msemmi, imma li tant ħadem fil-Kamp Missjunarju Pastorali kien dan is-Saċerdot Dun Nikola Camilleri, li jixraq ismu jinżamm f'għożża fost din il-belt imħarsa mill-Qaddis Isqof San Nikola.

Huwa twieled is-Siġġiewi fl-1941 u kif tfarfar għadda jistudja fis-Seminarju u fis-sena 1854 ġie ordnat saċerdot. F'dak iż-żmien ġie jżur Malta l-Kardinal Lavigerie, bil-għan li jieħu fl-Alġier fejn kienu bosta jemigraw, bil-għan li jkollu saċerdoti fid-Djoċesi tiegħu. Kien żmien meta l-Maltin ukoll kienu jmorru jaħdmu u jrabbu familji hemm.

Għalhekk kien fost l-ewlenin saċerdoti, fost tant ħaddiema u familji Ewropej tant li minn Malta, il-Provinċja Agostinjana ħasbet ukoll twaqqaf parroċċa fost tant Maltin emigrati hemm.

Dun Nikola Camilleri kien wieħed ferm ħabrieki fix-xogħol pastorali, kien tassew żelanti u magħruf fost il-komunità Maltija fl-Alġerija. Però kien l-aktar magħruf għall-karità kbira tiegħu biex jgħin il-familji fqar ta' dik il-belt.

Dan nafuh minn kitba fil-ġurnali ta' hemm fejn l-Isqfijiet semmew il-ħidma kbira ta' karità li kien jagħmel fost bosta fqajrin. Faħħruh wisq Mons. Combes, Mons. Oury u Mons. Zantel u Mons. Zazaniol. Dan tal-aħħar kien dak li ħatru Kanonku fil-Katidral tal-Alġier.

Huwa miet f'Bona fejn ġie midfun u hemm sarlu funeral li fih attendew bosta nies fosthom ukoll rappreżentanti ta' dik il-Belt. Jingħad ukoll li ma naqsux l-Għaqdiet ta' Emigranti Maltin li ħadu sehem dakinhar, fosthom ukoll għadd ta' fratellanzi li hu waqqaf hemm.

Il-ġurnali fl-Alġier ġabu rapporti dwar il-ħidma tiegħu li lkoll kellhom kliem ta' tifħir għal dan iben Malta li twieled is-Siġġiewi.


NVC Trading

6 / 12, Dr. Nikola Zammit Street, Siġġiewi
Tel: 2146 5384 • Fax: (+356) 2146 2337
Mob: 7749 4560 • Mob: 7946 5384
E-mail: nicholas@nvctrading.com

Importers, Wholesalers & Retailers
of Electrical & Building Materials